



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Jannar 2023  
(OR. en)

5534/23

**LIMITE**

**CORLX 77  
CFSP/PESC 110  
RELEX 69  
COEST 59  
FIN 61**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

## **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi  
fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu  
l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 78, 17.3.2014 p. 6.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġeneral fil-Kawża T-714/20<sup>1</sup>, jenħtieġ li titħassar entrata waħda mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (3) Għalhekk l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

**ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:**

---

<sup>1</sup> Sentenza tal-Qorti Ġeneral (Il-Ħames Awla) tas-26 ta' Ottubru 2022, *Dmitry Vladimirovich Ovsyannikov v il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-714/20, ECLI:EU:T:2022:674.

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 269/2014 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffīċċali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**ANNESS**

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014, "Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2", taħt l-intestatura "Persuni", titħassar l-entrata li tikkonċerna l-persuna li ġejja:

161. Dmitry Vladimirovich OVSYANNIKOV.

---